# Il-Papa Leone XIII u r-Rabta Tiegħu ma' Ta' Kerċem



MONS. CARMELO BORG, Capp.di S.S.

**ĦJIEL BIJOGRAFIKU**

Gioacchino Vincenzo Pecci, dak li iktar 'l quddiem kellu jkun il-Papa Leone XIII, twieled f'Carpineto fl-Italja Ċentrali fit-2 ta' Marzu 1810. Kien is-sitt wieħed fost is-seba' wlied ta' Ludovico Pecci u Anna Prosperi Buzi. Kien ġej minn familja nobbli, iżda bdanakollu ma kinitx xi familja għanja.

Wara li ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti ta' Viterbo (1818-1824), huwa mar jistudja fil-Kulleġġ Ruman ġewwa Ruma (1824-1832). Iktar 'il quddiem fis-sena 1832 Gioacchino Pecci ġie ammess fl-*Accademja dei Nobili Ecclesiastici* u segwa l-kors tat-Teoloġija; studja wkoll il-Liġi Ċivili u l-Liġi Ekkleżjastika fl-Università tas-"Sapienza" bejn l-1832 u l-1837. Fis-sena 1837 ġie ordnat saċerdot u maħtur Prelat Domestiku. Fl-1838, il-Papa Gregorju XVI ħatru bħala delegat apostoliku għal Benevento, fl-Istati tal-Knisja. Hawn huwa qeda l-missjoni tiegħu b'suċċess, u wara, fis-sena 1841, ġie trasferit għal Perugia fejn ta kontribut siewi u għen ħafna l-bdiewa tal-inħawi tant li rebaħ il-qlub ta' ħafna mill-poplu ta' dik il-belt.

F'Jannar 1843 Monsinjur Pecci ġie kkonsagrat Isqof u ntbgħat bħala Nunzju fil-Belġju fejn qeda dan l-uffiċċju importanti għal tlett snin. F'Mejju 1846 raġa' lura f'Perugia, din id-darba bħala Arċisqof. Hawn baqa' sas-sena 1878. Fis-sena 1878 ġie maħtur Kardinal, u wara l-mewt ta' Piju IX, il-Kardinal Pecci ġie elett Papa fl-20 ta' Frar 1878. Ħa l-isem ta' : Leone XIII.

Il-pontifikat ta' Leone XIII fil-bidu kien maħsub li kellu jkun pontifikat qasir, iżda fil-fatt kien wieħed twil li dam iktar minn 25 sena. Mhux hekk biss. Il-pontifikat ta' Leone XII ġie meqjus bħala wieħed importanti fiż-żminijiet riċenti, u dan minħabba l-ħafna tagħlim li ta lill-Knisja Universali, u xejn inqas minħabba l-inizjattivi numerużi ta' dan il-Papa. Leone XIII miet fl-20 ta' Lulju 1903.

**IWAQQAF IR-RAĦAL TA' KERĊEM BĦALA PARROĊĊA FUQ TALBA TAL-ISQOF PIETRU PACE**

F'waħda miż-żjarat tiegħu *ad limina* fil-Belt ta' Ruma, waqt udjenza li kellu mal-Papa Leone XIII, l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Pietru Pace urieh ix-xewqa li jwaqqaf lir-raħal Ta' Kerċem bħala parroċċa. Meta Leone XIII sama' lil Monsinjur Pace li tah ir-raġunijiet għal dan il-proġett fid-djoċesi ta' Għawdex, il-Papa qabel mal-ideja tal-Isqof u nkoraġġieh ikompli bil-ħsieb tiegħu għall-ġid pastorali tad-djoċesi.

Naturalment, wara li ntbagħtu d-dokumenti meħtieġa kollha, il-Papa ma sab ebda diffikultà li jilqa't-talba tal-Isqof Pace; u permezz tal-Bolla Appostolika *Nostro Pastoralis* tal-10 ta' Marzu 1885, il-Papa Leone XIII fired il-knisja Viċi-parrokkjali ta' San Gigor mill-Parroċċa tar-Rabat, u waqqafha f'parroċċa indipendenti taħt il-protezzjoni ta' San Girgor il-Kbir Papa. Il-Parroċċa l-ġdida kienet parroċċa żgħira b'territorju relattivament kbir bil-konfini tagħha jmissu ma' dawk tar-Rabat, Ta' Sannat u tal-Għarb. Fin-naħa tal-lbiċ tasal sal-irdumijiet tax-Xlendi u fin-naħa tal-punent kienet tasal sad-Dwejra. Saħansitra l-Ġebla tal-Ġeneral kienet tagħmel parti mit-territorju tal-Parroċċa ta' San Girgor. Hekk turi l-pjanta tal-perit Giardina (datata 10 marzo 1885) annessa mad-dokumenti tat-twaqqif tal-Parroċċa Ta' Kerċem li nsibuhom fl-Arkivju tal-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex.





## IL-MADONNA TAS-SOKKORS IDDIKJARATA KONPATRUNA TAL-PARROĊĊA TA' KERĊEM

Kien fi żmien il- Papa Leone XIII ukoll li b'digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti li jġib id-data tas-17 ta' Awwissu 1885, il-Madonna tas-Sokkors ġiet iddikjarata uffiċjalment bħala Kontitular tal-Parroċċa Ta' Kerċem. Sa dakinhar il-parroċċa ta' Kerċem kienet iddedikata lil San Girgor il-Kbir waħdu.

Bl-istess digriet iffirmat mill-Kardinal Domenico Bartolini, ġiet iffissata wkoll il-ġurnata tal-festa tal-Madonna tas-Sokkors għat-tieni Ħadd ta' Lulju. Sa dakinhar il-festa tal-Madonna tas-Sokkors kienet tkun iċċelebrata fir-raba' Ħadd ta' Ottubru.

B'turija ta' gratitudni u qima, missirijietna poġġew ir-ritratt ta' Leone XIII f'post ċentrali fis-sagristija tal-knisja parrokkjali fejn għadu jinżamm b'għożża sal-ġurnata tal-lum.

## IL-MADONNA TAS-SOKKORS: SIMBOLU TAR-RABTA TA' LEONE XIII MAL-POPLU KERĊMI

Il-Papa Leone XIII kien devot kbir tal-Madonna. Xhieda elokwenti ta' din id-devozzjoni huma d-disa' Enċikliċi li kiteb dwar il-Verġni Mbierka u dwar ir-Rużarju Mqaddes. Huwa fatt magħruf ukoll li Leone XIII kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna taħt it-titlu "tas-Sokkors".

Fuq l-iskrivanija tiegħu huwa kien dejjem iżomm xbieha tal-Madonna tas-Sokkors Perpetwu li lejha spiss kien jirrikorri fit-talb fl-iktar mumenti diffiċli. Bla dubju ta' xejn, il-Madonna tas-Sokkors kienet għal dan il-Papa ta' għajnuna kbira u ta' ispirazzjoni fit-tħejjija tal-Enċikliċi importanti tiegħu dwar il-problemi soċjali u ekonomiċi ta' żmienu. Baqa' magħruf għall-Enċiklika tiegħu *Rerum Novarum* li xandar fil-15 ta' Mejju 1891. L-eku ta' din



l-Enċiklika famuża baqa' jidwi tul is-seklu għoxrin. Biżżejjed ngħidu li din l-Enċiklika tfakkret permezz ta' Enċikliċi oħrajn imxandra mill-Papa Piju XI : *Quadrogesimo Adveniens* fis-sena 1931, *Octogesimo Adveniens* mill-Papa Pawlu VI fis-sena 1971, u *Laborem Exercens* mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1981.

Insibu wkoll li meta darba waħda, fl-1902, xi benefatturi tal-Missjunarji tal-Assunzjoni ġew milqugħa minnu f'udjenza privata, propju qabel ma telqu lejn il-Bulgarija, Leone XIII irregalalhom kwadru prezzjuż u standard li t-tnejn kienu jġibu fuqhom ix-xbieha għażiża ta' Ommna tas-Sokkors. Anke din hija xhieda oħra ta' kemm Leone XIII kellu għal qalbu d-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu.

Il-Papa Leone XIII, li r-ritratt tiegħu jinsab permanentament espost fis-sagristija l-kbira tas-Santwarju Parrokkjali Ta' Kerċem huwa, bla dubju ta' xejn, tfakkira għalina l-Kerċmin ta' kif għandna nqimu lill-Verġni Mbierka, patruna għażiża ta' raħalna.